# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 662/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Grace konjugi James**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija disgha u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (LM569.69,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni tas-servizz telfoniku bin-numru 330186 gja 230081 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond Helena Flats No 6, Capri Court, Ta' Xbiex, u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' April 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-22 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**